# Il-Bankun ta' l-Istatwa Titulari ta' Santa Liena - 50 Sena



*Meta fl-1950, wara erbatax-il sena li ma kinux jiġu ċċelebrati festi esterni f'Birkirkara, u bil-kisba tad-dinjità Bażilikali għall-knisja Kolleġġjata tagħhom, il-Karkariżi reġgħu ċċelebraw għall-ewwel darba il-festa titulari tal-patruna Santa Elena, wara daqs dawk snin fin-niċċa, kellhom xewqa u ħeġġa kbira li jsebbħu l-istess vara tal-Patruna. Dik is-sena stess kient saret il-kuruna tad-deheb u tagħmir ieħor għall-istatwa minn deheb li kien inġabar apposta minn fost il-Karkariżi, u li kienu nħadmu f'Birkirkara stess mid-ditta Carmelo Mizzi fuq disinn tal-prokuratur il-Kan. Vincenzo Saliba.*

*Bdew jaraw ukoll li kien meħtieġ li jsir bankun ġdid għal vara hekk imponenti bħalma hija dik ta' Santa Liena. Għalhekk, bit-tħabrik ta' l-istess prokuratur il-Kan. Saliba, kien tnieda konkors pubbliku għal disinn għal bankun ġdid. Kienu daħlu għalih xejn anqas minn 26 artist u kien intrebaħ mill-artist Żejtuni Toussaint Busuttil (1906-1994). Wieħed għadu jista' jara dan id-disinn oriġinali ta' Busuttil fit-taraġ tal-Awla Kapitulari tal-Kolleġġjata Elenjana. Naturalment dan id-disinn juri faċċata waħda biss mill-erba' naħat li kellhom ikunu l-istess fis-sura tagħhom, għalkemm mhux fid-dekorazzjoni tar-riljievi tal-bronż fil-panewijiet u fit-tmien anġli li hemm fil-kantunieri.*

*Artist ieħor stabbilit dik il-ħabta f'pajjiżna, qed ngħid għal Francesco Sciortino (1875-1958), ħu l-magħruf skultur Antonio, kien kabbar id-disinn ta' Busuttil għad-daqs attwali li fih kellu jinħadem mill-injam tal-ġewż. Dan ix-xogħol kien sar mill-ebanista Karkariż Pietru Pawl Muscat, magħruf bħala Ta' Mas, fi Triq Santu Rokku kantuniera ma' Sqaq Karla. Filwaqt li l-iskultura ta' l-ornat fl-injam kienet inħadmet minn Emanuele Buhagiar (1876-1962).*

*Fid-disinn oriġinali ta' Toussaint Busuttil fl-Awla, il-panew juri xena mill-ħajja tal-qaddisa minn id l-istess artist-pittur. Iżda meta ġew biex jagħmlu dawn ir-riljievi, il-kummissjoni kien ħadha l-artist-skultur Censu Apap (1909- 2003), li ħadem ukoll it-tmien anġli, tnejn f'kull tarf ta' l-erba' faċċati. Dawn l-anġli għandhom f'idejhom simboli marbutin mal-passjoni ta' Sidna*

Ġesù Kristu. Il-panewijiet juru x-xeni li ġejjin: Is-sejba tas-Salib Imqaddes minn Santa Liena, akkump-anjata minn San Makarju, Isqof ta' Ġerusalemm; Santa Liena tqassam il-karità; Il-ġnus tad-dinja jqimu s-Salib Imqaddes; Il-glorja ta' Santa Liena. Ix-xogħol fil-bronż sar ukoll f'Birkirkara fil-funderija tal-Karkariż Vincenzo Sammut.





B'kollox dan il-bankun kien sewa 1917-il lira, fi żmien meta paga normali kellha mnejn ma tlaħħaqx il-ħames liri fil-ġimgħa. L-opra kollha kienet inawgurata għall-festa tal-1954. Madankollu s-sena ta' qabel jidher li kienet lesta l-bradella l-ġdida, għax bil-ġbir li kien għamel Pawlu Pace, kienu saru l-erba' gastri tal-fidda mastizza għal fuqha. Dawn il-gastri jiżnu 48 ratal, kważi 40 kilo, kienu nħadmu wkoll fil-funderija ta' Vincenzo Sammut, filwaqt li l-fjuretti tal-ganutell tagħhom kienu saru minn Emanuel Sciberras tal-Qrendi. Dik is-sena wkoll, jiġifieri 1953 kien sar il-bank għall-forċini.

**Philip Xuereb**

*1. Is-Sur Ġużi Falzon kien offra r-rigal għal dan il-konkors.*

*2. Ta' l-istess skultur huwa wkoll id-disinn taż-żewġ anġli ta' l-irħam fil-kappella tas-Sagrament.*

*3. Xi snin wara kienu nħadmu hawn ukoll l-istatwi-leġiju ta' San Ġwann l-Evanġelista u San Pawl għal fuq il-presbiterju, ta' l-ewwel fuq disinn ta' l- istess skultur V. Apap.*

*4. Il-bradella l-qadima, li għal ħafna snin kienet baqgħet fil-kuritur ta' wara n- niċċa, illum tinsab fil-knisja parrokkjali ta' San Bastjan f'Ħal Qormi, fejn tintuża għall-istatwa titulari.*

*5. Referenzi: Buhagiar V.: Tagħrif fuq il-Parr. Koll. Baż. Ta' S. Liena, Birkirkara (1984) u Programm tal-Festi Ċinkwantenarji S. Elena Birkirkara (1978)*